Lectio *Divina*

32 Ħadd Matul Sena A





EVANĠELJU

Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

Mt 25:1-13

Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu din il-parabbola: "Is-Saltna tas-Smewwiet ixebbhuha ma' għaxar xebbiet li ħarġu bl-imsiebaħ tagħhom biex jilqgħu l-għarus. Ħamsa minnhom kienu boloh u ħamsa għaqlin, il-boloh ħadu l-imsiebaħ imma ma ħadux żejt magħhom, waqt li l-għaqlin ħadu mhux biss l-imsiebaħ iżda wkoll iż-żejt fil-kwies. L-għarus iddawwar ma ġie, u għalhekk ilkoll ħadhom in-ngħas u raqdu.


Imbagħad f'nofs ta' lejl instama' min jgħajjat: 'Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!'. Dawk ix-xebbiet qamu lkoll u ħejjew l-imsiebaħ tagħhom. Iżda l-boloh qalu lill-għaqlin: 'Agħtuna ftit żejt minn tagħkom, għax l-imsiebaħ tagħna jintfew'. Qabżu l-għaqlin u qalu: 'Għandu mnejn ma jibqax biżżejjed, la għalina u lanqas għalikom! L-aħjar morru għand tal-ħanut u ixtru għalikom'.

Xħin dawk marru biex jixtru jiġi l-għarus; dawk li kienu lesti daħlu miegħu għall-festa tat-tieġ, u l-bieb ingħalaq. Sa fl-aħħar waslu wkoll ix-xebbiet l-oħra, u bdew jgħidu: 'Sinjur, Sinjur, iftħilna!'. Iżda hu weġibhom u qal: 'Tassew, ngħidilkom, lilkom ma nafkomx'.

Ishru, mela, għaliex la tafu l-jum u lanqas is-siegħa".

Il-Kelma tal-Mulej.

Tifħir lilek Kristu.



32 ĦADD MATUL SENA A

Lectio Divina

Vanġelu (Matt. 25. 1-13)

Fi żmien Ġesu`, koppja kienu juru x-xewqa li riedu jiżżewġu quddiem il-ġenituri tagħhom. Jiffirmaw il-kuntratt, u jerġgħu lura d-dar għand il-ġenituri tagħhom. Għal sena sħiħa ma kinux jaraw lil xulxin. Imbagħad ir-raġel imur għall-għarusa tiegħu għand il-ġenituri tagħha biex jeħodha għandu, fejn hemm issir l-ikla tat-tieġ. Jekk dan il-vjaġġ isir bil-lejl, kien meħtieġ li xi wħud idawwlu t-triq bl-imsiebaħ tagħhom.

1

“Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil għaxar xebbiet.” In-numru 10 jfisser totalita’, u n-numru 5 il-poplu Lhudi. Mela l-għaxar xebbiet jirrappreżentaw it-totalita’ tal-poplu Lhudi li qed jistennew l-Għarus, il-Mulej, li jħobb lill-għarusa Tiegħu bi mħabba tal-ġenn, u li qed jistenna l-għarusa biex idaħħalha għall-festa tal-ferħ. “Jistgħu il-muntanji jiċċaqalqu....imma mħabbti lejk ma tinbidilx” (Isaija). “Niġbdek lejja, inkellem lil qalbek u tkun l-għarusa tiegħi għal dejjem” (Hożea). Il-Mulej irid li l-poplu Tiegħu jgħix fil-ferħ tal-festa. “Ħamsa kienu għaqlin”: dawk li żammew il-fidi ħajja, u, kif wasal l-għarus, għarfuh u marru jiġru jilqgħuh. Per eżempju, ix-xwejjaħ Xmun li baqa’ jemmen u jittama sal-aħħar, u li, malli l-Familja Mqaddsa daħlet fit-Tempju, għaraf lil Ġesu`, refgħu u ħaddnu miegħu. Ukoll qal lil Marija li sejf għad jinfdilha ruħha, għax Ġesu` se jkun sinjal ta’ kontradizzjoni bejn dawk li se jaċċettawh (għaqlin) u dawk li se jirrifjutaw it-tagħlim Tiegħu

(boloh). Iż-żejt jagħti l-ħajja lill-musbieħ tal-fidi. Jekk dal-musbieħ tħallieh nieqes miż-żejt, id-dawl tal-fidi jintefa'. Dan id-Dawl jiġi mill-Kelma t'Alla imħabbra mill-profeti u, aktar tard, minn Kristu nnifsu. "Dak li ġara lill-poplu Lhudi, nirrakkuntawh biex iservi ta' twissija għalina llum" (Korintin).

2 B'din il-parabbola, Mattew irid jurina mhux biss lil dawk il-Lhud li aċċettaw lil Ġesu', u oħrajn li rrifjutawh, imma wkoll dawk li għamlu l-istess fil-Komunita' Nisranija fi żmienu, i.e. ħamsin sena wara l-Qawmien ta' Ġesu`. X'uħud minn dawn l-Insara ħasbu li d-dinja kollha se tikkonverti fi żmien qasir. Meta dan ma seħħx, bdew jaqtgħu qalbhom u jiddubitaw, l-aktar meta tant ġlied, gwerer u inġustizzji ma waqfux. Oħrajn waslu wkoll biex jitilqu l-fidi, u jwaqqgħu għaċ-ċajt lil dawk li baqgħu lejali: "Fejnha l-wegħda tal-Mulej li kellu jerġa' jiġi? Wasal jew le?" u jerġgħu lura għall-ħajja pagana. Dawn spiċċalhom iż-żejt, u b'hekk intefielhom id-dawl tal-fidi u t-tama li kienu jgħinuhom żgur biex jistennew il-miġja tal-Għarus. Mattew qed iħeġġeġ mhux biss lil dawn it-talin ta' żmienu biex jerġgħu lura għall-merħla ta' Kristu, imma lil dawk ta' żmienna wkoll li sfaw vittmi tal-ibbumbardjar mill-midja biex (a) ifittxu d-drittijiet mhux dmirijiet; (b) ma jagħtux każ aktar x'jgħid il-Papa jew l-Isqof; (ċ) jaqtgħu jieshom li n-nies se jkomplu jitgħammdu; (d) li qatt m'hu se jieqfu l-gwerer u l-inġustizzji.

3 Aħna li bqajna fidili, ngħaddu minn dan id-dlam tal-lejl? Insaqsu għaliex il-kelma t'Alla mhux qed tħalli effett fuq tant nies? Dan id-dlam tal-gwerer, vjolenzi, mibegħda, eċċ meta se jispiċċa? Hu f'dan id-dlam tal-lejl li llum aħna mitlubin li dejjem ikollna riserva biżżejjed ta' żejt biex inżommu ħajja l-fidi tal-musbieħ tagħna, biex hekk inkunu dejjem ippreparati għal meta jasal l-Għarus għal għarrieda: "F'nofs ta' lejl instema' min jgħajjat: 'Araw l-

għarus!'" F'nofs il-lejl, meta d-dlam kien fl-aqwa tiegħu, wasal l-Għarus, li ġie kif kien ħabbar u wiegħed, u ġie biex joħroġna mid-dlam u jdaħħalna għall-festa tal-ferħ. "Fi skiet profond, f'nofs il-lejl, il-Kelma Omnipotenti tas-Sema, niżlet fuq l-art tal-Eġittu biex teħles il-poplu mill-jasar" (Għerf: 18). Meta qed ngħidu fuq il-miġja tal-Għarus, mhux qed nirreferu għall-aħħar ta' ħajjitna imma għal issa: jekk ngħaddu minn xi perjodu ta' dlam, l-Għarus se jiġi ISSA biex idaħħalna għall-ikla tal-ferħ. L-importanti hu li nkunu ppreparati biex nagħrfu l-wasla tiegħu biex inkunu nistgħu nimxu warajh. Min kien il-leħen li għajjat "Ara l-għarus!"? Kienu l-profeti l-ewwel li għarfu li l-Għarus dejjem jiġi fid-dinja tagħna, għax kienu l-aktar nies ippreparati, sensibbli u attenti għall-vuċi tiegħu.

4 Ħafna jgħidu li l-messaġġ ta' Kristu falla u d-dinja tiħżien kuljum. Kull min ma jħallix il-musbieħ tal-fidi tiegħu jintefa, għandu jgħix dan iż-żmien ta' dlam bħala opportunita' unika biex jingħaqad ma' oħrajn bħalu fil-Komunita', biex flimkien ixandru dil-aħbar sabiħa ma' kulħadd: 'L-Għarus wasal, u qed jistedinna għal din l-ikla tat-tieġ, l-ikla ta' ferħ.' Il-periklu li n-nies 'tad-dinja' jaqtgħulna qalbna hu dejjem hemm. Ma nistgħux inħalluhom jinfluwenzawna biex inċedu l-armi. L-għaqlin u l-boloh m'humiex żewġ gruppi, imma sentimenti li jinsabu t-tnejn fina: (a) meta nħallu min jiskuraġġina, il-bluha tgħolli rasha; (b) imma, meta nħallu l-Kelma t'Alla timlina b'kuraġġ ta' sur u tama, il-musbiegħ jixgħel b'għaqal kbir.

5 Il-kwies kienu ważetti taż-żejt ta' riserva – żejt li qiegħed hemm biex dejjem ifawwar il-musbieħ meta dan jonqoslu ż-żejt. B'hekk il-fidi ma tintefa qatt. Jeħtieġ li aħna dawn il-kwies inżommuhom dejjem mimlijin bil-Kelma t'Alla, bis-sehem tagħna fix-xogħol

pastorali u liturġiku, u fl-għaqdiet reliġjużi. Min jukkuntenta bil-ftit, (e.g. bil-quddiesa tal-Ħadd biss), aktarx ma jdumx ma jintfielu l-musbieħ.

6 **“Morru għand tal-ħanut ixtru għalikom.** Ma nistgħux intukom miż-żejt tagħna. Iż-żejt tridu takkwistawh intom billi tkunu responsabbli għall-għażliet tagħkom. Aħna ma nistgħux inkunu tajbin għalikom.”

7 **“Lilkom ma nafkomx.”** Ġesu` jgħid li l-boloh se jitilfu dan iċ-ċans li jgħixu ukoll minn din d-dinja l-ferħ tal-evanġelju, u fl-aħħar ta’ ħajjithom se jirrejalizzaw li kienu ħlew ħajjithom fix-xejn. Imbagħad ikun tard wisq (bħall-boloh li waslu tard) biex jirkupraw il-ferħ li setgħu gawdew tul il-ħajja. Fis-sala tat-tieġ, kulħadd ħabib, jieklu flimkien f’atmosfera ta’ mħabba t’aħwa. Barra s-sala nsibu gwerer, mibgħeda etc.



Lectio Divina minn **Padre Fernando Armellini sjc** *miġjub għall-Malti minn* **Edward Tagliaferro**

għall-Laikos.org

Sors: lachiesa.it/liturgia/omelie/padrefernando armellini



LAIKOS.ORG